# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru: 540/2017 MH**

**Illum, 11 ta' Jannar, 2021**

**Dr Joseph Mizzi bħala mandatarju speċjali ta' Alphera Financial Services, BMW Services Financiers (Suisse) SA, soċjeta' estera reġistrata l-Isvizzera, b'numru ta' reġistrazzjoni 1BE 803673**

**vs**

**Ali Omer Salem Mohamed (Passaport Libyan Nru 313935-2010)**

**u**

**B'digriet tat-22 t'Awwissu 2017 ġew nominati Dr Simon Micallef Stafrace u PL Jean Pierre Busuttil bħala kuraturi deputati għal Giovanni Pappalardo**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta' attriċi tas-16 ta' Ġunju 2017** li permezz tiegħu ġie premess:

1. *Illi s-soċjeta' attriċi hija sid il-vettura Maserati GranTurismo li għandha numru ta' chasis ZAM GH4 5B0 000 365 41;*

2. *Illi s-soċjeta' attriċi fl-għaxra (10) ta' Frar 2014 tat l-imsemmija vettura b'titolu ta' kera lill-konvenut Giovanni Pappalardo, persuna ta' nazzjonalita' Taljana, bil-kundizzjonijiet indikati fl-iskrittura magħrufa bħala "Lease Contract", iffirmata mill-partijiet, hawn anness u mmarkat bħala Dok A;*

3. *Illi ai termini ta' klawzola 4.2 ta' l-imsemmija skrittura l-vettura dejjem tibqa' propjeta' assoluta tas-soċjeta' attriċi. Il-klawsola taqra hekk:*

> *"The lessee shall take possession of the vehicle on behalf of the lessor. The vehicle remains the exclusive property of the lessor for the entire duration of the contract, but also after its expiry and termination. Sale of the vehicle is specifically prohibited and may result in criminal sanctions."*

4. *Illi l-imsemmi Giovanni Pappalardo biegħ il-vettura lil konvenut Ali Omer Salem Mohamed b'mod illegali u abbussiv. Illi l-Pulizija ta' Malta kienu qiegħdin jinvestigaw diversi rapporti ta' serq ta' vetturi fejn eventwalment ġew informati bil-misapproprjazzjoni tal-konvenut Giovanni Pappalardo. Il-Pulizija eżekuttiva bdew jinvestigaw u sussegwentament infetaħ proċess verbal b'numru 237/16 quddiem il-Magistrat Dr Gabriella Vella. Fil-proċess ta' din l-investigazzjoni l-Pulizija ddepożitaw il-vettura hawn fuq imsemmija fl-atti tal-process verbal;*

5. *Illi sussegwentament is-soċjeta' rikorrenti kienet ippreżentat rikors għar-rilaxx tal-vettura fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fejn l-imsemmija Qorti kienet indikat li l-vettura tista' biss tiġi rilaxxata fuq ordni tal-Qrati Ċivili ta' Malta;*

6. *Illi r-rikorrenti jaf b'dawn il-fatti personalment;*

*Jgħidu għalhekk il-konvenuti għalfejn dina l-Onorabbli Qorti m'għandiex:*

1. *Tiddikjara li l-iskrittura privata iffirmata bejn il-konvenuti Ali Omer Salem Mohamed u Giovanni Pappalardo hija nulla ab initio a bażi tal-ftehim iffirmat bejn is-soċjeta' attriċi u l-konvenut Giovanni Pappalardo;*

2. *Tiddikjara li s-soċjeta' attriċi hija sid il-vettura Maserati GranTurismo li għandha numru ta' chasis ZAM GH4 5B0 000 365 41;*

3. *Tordna r-rilaxx tal-vettura Maserati GranTurismo li għandha numru ta' chasis ZAM GH4 5B0 000 365 41 favur is-soċjeta' attriċi, b'dawk il-kundizzjonijiet li tħoss li huma xierqa;*

4. *Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent b'konsegwenza tad-depożitu tal-vettura Maserati GranTurismo li għandha numru ta' chasis ZAM GH4 5B0 000 365 41;*

5. *Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom jħallsu lis-soċjeta' attriċi dik is-somma li tiġi hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni, u bl-imgħax skont il-liġi.*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument anness mar-rikors ġuramentat.

Rat **ir-risposta ġuramentata tal-Kuraturi Deputati tal-konvenut Giovanni Pappalardo tat-23 t'Ottubru 2017**[1] permezz ta' liema eċċepew –

*"Illi l-esponenti m'humhiex edotti mill-fatti u għalhekk qegħdin jirriservaw id-dritt li jippresentaw risposta motivata f'każ li jiġu edotti mill-fatti.*

*Salv risposta ulterjuri."*

Rat illi l-konvenut Ali Omer Salem Mohamed debitament notifikat[2] baqa' kontumaċi.

Rat il-provi mressqa.

Rat illi nonostante l-opportunita' li ngħatat lill-partijiet sabiex jagħmlu s-sottomissjonijiet finali, ma deher ħadd waqt is-seduta tal-14 t'Ottubru 2020 sabiex jitratta l-kawża.

Rat li l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

[1] Fol 45
[2] Fol 40

**Ikkunsidrat:**

Is-soċjeta' attriċi tallega li hija s-sid ta' vettura tal-għamla Maserati GranTurismo li kriet lill-konvenut Giovanni Pappalardo. Bi ksur tal-ftehim iffirmat bejniethom Pappalardo biegħ din il-vettura lil terzi. Hija għalhekk qegħda titlob li l-iskrittura li biha sar il-bejgħ tal-imsemmija vettura jiġi dikjarat null *ab initio* u konsegwentement ir-rilaxx tal-vettura favur tagħha flimkien mal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni.

Mill-atti jirriżulta li –

i. Fl-10 ta' Frar 2014[3] ġie ffirmat ftehim permezz ta' liema s-soċjeta' attriċi kriet il-vettura tal-għamla Maserati Gran Turismo bin-numru tas-Chassis ZAMGH45B000036541 lill-konvenut Giovanni Pappalardo għal perjodu ta' 60 xahar. Fost il-kundizzjonijiet maqbula bejn il-partijiet hemm il-klawsola numru 4.2 li tgħid hekk –

*"The lessess shall take possession of the vehicle on behalf of the lessor. The vehicle remains the exclusive property of the lessor for the entire duration of the contract, but also after its expiry and termination. Sale of the vehicle is specifically prohibited."*

ii. Matul ix-xahar ta' Ottubru 2014 il-pulizija kienet għaddejja b'investigazzjoni dwar numru ta' vetturi li ddaħħlu Malta permezz tal-Catamaran minn Sqallija, fost liema kien hemm vetturi li fuqhom kien hemm *Schengen Information System Alert* minħabba l-fatt li dawn kienu nsterqu jew ġew misapproprjati mill-Italja u

[3] Fol 25 et seq

nġiebu Malta minn ċertu Michele Parisi. Fost il-vetturi fil-lista kien hemm ukoll dik mertu tal-proċeduri odjerni għalkemm f'dak l-istadju ma kienx għad hemm *Schengen Information System Alert* fuqha.

iii. Waqt li Michele Parisi kien qiegħed jiġi interrogat mill-Pulizija u sarulu domandi anke dwar din il-vettura, huwa spjega li kien niżel biha Malta flimkien ma' sidha Giovanni Pappalardo fit-22 ta' Settembru 2014 u li wara li dan kien għamel jumejn biha hawn Malta kien irritorna lura lejn pajjiżu bl-istess vettura.

iv. Madankollu fis-7 t'Ottubru 2014 il-Pulizija ġiet infurmata mid-Dwana li l-Maserati in kwistjoni kienet tinsab Malta għand kumpanija li toffri trasport ta' merkanzija sabiex tintbagħat il-Libja. Il-pulizija elevaw il-vettura u ħaduha fil-Compound tagħhom fejn għadha hemm sal-lum.

v. Minn investigazzjonijiet ulterjuri rriżulta li fit-23 ta' Settembru 2014 Michele Parisi ppreżenta ruħu flimkien max-xerrej konvenut Mohamed Ali Omer Salem quddiem nutar pubbliku u biegħ l-istess vettura għall-prezz ta' €35,000[4]. Ġew elevati d-dokumenti rispettivi u irriżulta li fuq il-logbook tal-vettura kien hemm klawsola li tgħid *"Change of vehicle holder prohibited."*

vi. Il-Pulizija nnutat ukoll li għalkemm dakinhar tat-23 ta' Settembru 2014 Giovanni Pappalardo kien f'Malta u għand l-istess nutar, huwa ma poġġiex għat-trasferiment tal-vettura u kwindi kien Michele Parisi li ffirma l-iskrittura privata tat-trasferiment. Inoltre sabiex ma tiġix żvelata l-identita' proprja ta' Giovanni Pappalardo, ġiet preżentata kopja ta' karta tal-identita' taljana ffalsifikata li fuqha kienu jidhru d-dettalji ta' Pappalardo u ritratt ta' persuna terza.

vii. A bażi ta' dawn ir-riżultanzi l-Pulizija ffurmat suspett raġjonevoli li dan ix-xiri/bejgħ sar b'malizzja u seta' jirriżulta r-reat ta' riċettazzjoni. Konsegwentement ġew approfonditi l-investigazzjonijiet fejn intalbet l-assistenza tal-awtoritajiet Taljani u dawk Svizzeri. Dawn minn naħa tagħhom

[4] Fol 66

infurmaw lill-Pulizija Maltija li s-soċjeta' attriċi kienet lura fit-18 ta' Diċembru 2014 irrapurtat il-miżapproprjazzjoni tal-imsemmija vettura stante li kienet proprjeta' tagħha. Il-vettura kienet inkriet lil Pappalardo li ma baqax iħallas il-pagamenti mensili u qatt ma rritorna lura l-vettura lis-soċjeta' msemmija.

**Fl-isfond ta' dawn il-provi l-Qorti tqis li rriżulta sal-grad ta' probabilta' rikjest mill-liġi li s-soċjeta' attriċi hija s-sid tal-vettura mertu tal-proċeduri odjerni. B'hekk it-tieni talba sejra tintlaqa'**.

Ġie muri wkoll li skont il-ftehim ta' kiri tal-10 ta' Frar 2014, il-vettura in kwistjoni kellha dejjem tibqa' proprjeta' esklussiva tas-soċjeta' attriċi u li din ma setgħetx tinbiegħ. Dan kien rifless ukoll fil-logbook tagħha kif suriferit. Fatt li l-konvenut Gioavanni Pappalardo kien jaf sew b'dan. Madankollu, u bi ksur lampanti ta' dan il-ftehim, huwa pproċeda biex tramite terzi jitrasferixxi din il-vettura lill-konvenut l-ieħor Ali Omer Salem Mohamed. Il-konsegwenza hija li a bażi tal-ftehim tal-10 ta' Frar 2014, il-ftehim sussegwenti tat-23 ta' Settembru 2014, ma seta' qatt isir u għalhekk legalment huwa meqjus null *ab initio*. Għaldaqstant **l-ewwel talba sejra tintlaqa'** wkoll. Jibqa' naturalment impreġudikat il-jedd tal-konvenut Ali Omer Salem Mohamed li jfittex id-drittijiet tiegħu fir-rigward tal-flus imħallsa fuq l-istess vettura.

Ġialadarba ntlaqgħu l-ewwel żewġ talbiet tas-soċjeta' attriċi timmerita' wkoll li **tintlaqa' t-tielet talba** għar-rilaxx tal-vettura a favur tagħha.

Jifdal għalhekk ir-raba' u l-ħames talba tas-soċjeta' attriċi dwar il-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni.

Il-Qorti tinnota li s-soċjeta' attriċi ma ġabitx prova ta' l-entita' tad-danni pretiżi minnha u ħalliet fid-deskrizzjoni tal-Qorti li tillikwida somma *arbitrio boni viri*.

Ingħad hek fil-każ **Joseph Muscat et vs Alfred Joseph Baldacchino et deċiż fit-8 ta' Jannar 2016 -**

*"Illi l-Qorti hi tal-fehma li mhuwiex kompitu tagħha li tillikwida d-danni hekk sofferti, u dana għaliex l-fatt illi l-atturi naqsu li jipprovdu dokumentazzjoni apposita sabiex din il-Qorti tillikwidahom. Il-Qorti tillikwida d-danni arbitrio boni viri meta jkun impossibbli għall-attur li jressaq il-provi preċiżi dwar l-entita' tagħhom u mhux meta jonqos li jressaq il-provi dwarhom."*

Fuq l-istess linja ta' ħsieb imxiet il-Qorti fil-każ **Maria Nicolina sive Marlene Azzopardi vs Godwin Zammit deċiż fil-25 ta' Jannar 2017 -**

*"Illi kwantu għal-likwidazzjoni tad-danni arbitrio boni viri hekk kif mitluba mill-attriċi, kif deċiż reċentement minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta fissentenza fl-ismijiet* ***Easylife TV Direct Company Limited et vs. Omajco Cleaners Limited et20****:*

*"illi huwa aċċettat, f'ċertu ċirkostanzi, illi d-danni jiġu stabbiliti arbitrio bono viri. Huwa paċifiku illi l-prova tad-danni tispetta lil min jallega li soffriha (artikolu 562 talKap. 12). Iżda huwa daqshekk ieħor stabbilit illi likwidazzjoni ta' danni arbitrio boni viri hija mistennija u f'waqtha meta jkun diffiċli għall-attur li jipprova, b'mezzi ordinarji, id-danni effettivament sofferti. (Ara* ***Margaret Camilleri et vs. The Cargo Handling Company Limited****, PA, 13/10/2004 u* ***Joseph Attard vs. Direttur Ġenerali tas-Saħħa****, App 30/05/2014).*

*Illi fil-fehma kkunsidrata ta' din il-Qorti fil-kawża odjerna la jista' jingħad illi kien diffiċli għall-attriċi li tagħmel din il-prova tad-danni effettivament sofferti b'mezzi ordinarji u wisq inqas ma jista' jingħad illi hija kienet "fl-impossibbiltà li tressaq provi dwar il-kwantifikazzjoni ta' dawn id-danni" u*

*għalhekk ċertament illi mhuwiex il-każ li ssir likwidazzjoni tad-danni arbitrio boni viri."*

Fid-dawl ta' dan l-insenjament, li din il-Qorti tabbraċċja u tagħmel tagħha, jiġi sottolineat li fiċ-ċirkustanzi tal-każ ma kienx daqstant diffiċli, anzi żgur mhux impossibbli għas-soċjeta' attriċi li tikkwantifika l-pretensjoni tagħha dwar id-danni. Hija naqset f'dan.

Fin-nuqqas ta' din il-prova **r-raba' u l-ħames talba sejrin jiġu miċħuda**.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi –**

**1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Giovanni Pappalardo;**

**2. Tiċħad ir-raba' u l-ħames talba tas-soċjeta' attriċi;**

**3. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-iskrittura privata iffirmata bejn il-konvenuti Ali Omer Salem Mohamed u Giovanni Pappalardo hija nulla ab initio a bażi tal-ftehim iffirmat bejn is-soċjeta' attriċi u l-konvenut Giovanni Pappalardo;**

**4. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li s-soċjeta' attriċi hija sid il-vettura Maserati GranTurismo li għandha numru ta' chasis AMGH45B000036541;**

**5. Tilqa' t-tielet talba u tordna r-rilaxx tal-vettura Maserati GranTurismo li għandha numru ta' chasis ZAM GH4 5B0 000 365 41 favur is-soċjeta' attriċi;**

**6. Fiċ-ċirkustanzi l-ispejjeż kollha tal-kawża għandhom ikunu a karigu tal-konvenut Giovanni Pappalardo.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**